# In-Nomi Mnisslin



## Nomi Mimmati u nomi Diminuttivi

Sa Ann Marie Schembri
Skola St Joseph, Tas-Sliema

**In-nomi mnisslin ġejjin minn nomi oħra, verbi, jew aġġettivi.**

| | | |
|---|---|---|
| eż. | (n) siġar | (n) masġar |
| | (v) għallem | (n) għalliem |
| | | (n) tagħlim |
| | (a) kiesaħ | (n) kesħa |
| | (a) tajjeb | (n) tjubija |



# In-Nomi Mimmati

- In-nomi Mimmati huma nomi mnisslin li jibdew bl-ittra **‘m’.**
- Bħan-nomi mnisslin Semitiċi kollha, dawn in-nomi jibqgħu jġorru l-għerq tal-kelma ewlenija u fuq quddiem iżidu l-ittra **‘m’**.
- In-nomi Mimmati jitnisslu minn verbi u nomi oħra.
- Insibu nomi Mimmati differenti li jġorru tifsiriet partikolari.



# In-Nomi tal-Post

Dawn in-nomi juru post u jistgħu jitnisslu

kemm minn nomi kif ukoll minn verbi.

eż. maħżen < ħażen (v)

mixtla < xitla (n)

masġar < siġar (n)

mitħna < taħan (v)

# In-Nomi tal-Għodda

Nomi li juru għodda jew jirreferu għal xi kontenitur.



eż. mħadda < ħadd (n)

moqdief < qadef (v)

mrewħa < rewwaħ (v)

muftieħ < fetaħ (v)

mgħażqa < għażaq (v)

## In-Nomi tal-Ġemgħa

Nomi li juru grupp jew folla.

eż. merħla < raħal (n)



## In-Nomi Astratti

Nomi li jirreferu għal xi ħaġa astratta.

eż. mħabba < ħabb (v)

mistennija < stenna (v)

mibegħda < bagħad (v)



# Ismijiet ta’ postijiet

Insibu ismijiet ta’ postijiet madwar Malta li huma nomi Mimmati.

eż. Mtarfa

Mrieħel

Magħtab

In-nom Mimmat huwa dejjem **nom li ġej minn kelma oħra**.

Nom ta' **nisel Semitiku** u li jġorr l-għerq tal-kelma ewlenija.

eż. miklem – kelma (Semitiku)

mejda (Semitiku, ewlenija)

mistura, magna, maskra (Rumanzi)

**MHUX KULL KELMA LI TIBDA BL-ITTRA 'M' HIJA NOM MIMMAT**



# In-Nomi Diminuttivi



Nomi li juru ċokon, sempliċità u delikatezza.

Fil-Malti Semitiku jdeffsu **‘j’** / **‘jj’**

fin-nom oriġinali.

Xi drabi tidħol ukoll il-konsonanti **‘w’**

ġnien < ġnejna

xiħa < xwejħa

tifel < tfajjel

Innota l-forma li għandhom il-kliem fil-ġens femminil u maskil. Fil-maskil dejjem hemm il-konsonanti dgħajfa **'j'** doppja.

bieba – bwejba (femm.)

tifla - tfajla (femm.)

xiħ - xwejjaħ (mask.)

ktieb - ktejjeb (mask.)



# Aġġettivi Diminuttivi



- Nistgħu nnisslu **aġġettivi fid-diminuttiv** ukoll.
- Madankollu dawn ma jitqisux bħala nomi mnisslin, iżda aġġettivi mnisslin.
- Il-binja tal-kelma tibqa' l-istess bħal tan-nomi, għalhekk id-diminuttiv jieħu s-saħħa mill-binja speċjali li għandu.

eż. qasir - qsajjar, qsajra

fqir - fqajjar, fqajra